SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 04/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 18/06/'15 326**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 18/06/'15 381**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Karl Gouder |
| Il-Viċi-Sindku | Guido Dalli |
| Il-Kunsillier | Martin John Sultana |
| Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| Il-Kunsillier | John Agius |
| Il-Kunsillier | Adrian Dominic Ellul |
| Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| Il-Kunsillier | Clayton Tanti Gregoracy |
| Is-Segretarju | Eżekuttiv Helen Walker |
| L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Skużati:- (0)

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Kien preżenti ukoll l-Avukat tal-Kunsill, Dott. Stefano Filletti.

1.08 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-15 ta' Ġunju 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Dar ta' l-Anzjani
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Aġġornament: - Impjieg klerikali
6. Skart Separat
7. Tender: *Contracts Manager*
8. *Live Streaming*
9. Permessi
10. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
11. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
12. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 03/K8/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Peress li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2015 ma kienx hemm minuti biex japprova l-Kunsill.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

557 Email mingħand is-Sinjura Angela Camilleri dwar bdil tal-bieb tal-garaxx tal-komun.

1990 Korrispondenza b'konnessjoni ma' Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014 – 2015.

2590 Korrispondenza mingħand il-Perit Dr. Edwin Mintoff biex jinstab post alternattiv għall-Bring in-Sites li hemm faċċata tal-Joem Petrol Station fi Triq B'Kara.

2880 Email mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg.

2966 Korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Ġiljan dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 sena mit-twaqqif tagħha fl-2016.

2811 Korrispondenza mingħand it-TCTC b'konnessjoni ma' korsijiet ta' l-iKids.

3077&K593 Korrispondenza b'konnessjoni ma' fattura 260 mingħand it-TCTC.

3310 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 13/2015 – Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali.

3333 Korrispondenza b'konnessjoni ma' Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru 557**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Angela Camilleri fir-rigward bdil tal-bieb tal-garaxx tal-komun.

2.03 Ġie deċiż unanimament li dan ma jinbidilx peress li l-Kunsill jidhirlu li għadu tajjeb, u minħabba li l-Kunsill m'għandux il-finanzjament.

**Rif. Nru. 1990**

2.04 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza b'konnessjoni ma' Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014 – 2015.

**Rif. Nru. 2590**

2.05 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Perit Dr. Edwin Mintoff, biex jinstab post alternattiv għall-Bring in-Sites li hemm faċċata tal-Joem Petrol Station fi Triq B'Kara, ġie deċiż unanimament li tingħata risposta aktar tard u li ssir laqgħa '*on site'* mal-Perit Mintoff.

**Rif. Nru. 2880**

2.06 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispodenza mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg.

**Rif. Nru. 2966**

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Giljan b'konnessjoni maċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 sena mit-twaqqif tagħha fl-2016.

2.08 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Clayton Luke Mula u John Agius ikunu rappreżentanti tal-Kunsill għall-Kumitat li se jitwaqqaf għal dan il-għan.

**Rif. Nru 2811**

2.09 Saret referenza għall-korrispondenza mingħand it-TCTC b'konnessjoni mal-korsijiet tal-iKids.

2.10 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill:-

a) li sar komunikat mat-TCTC u li l-Kunsill ingħata sponsorship ta' €1150 sabiex jiġi offrut, bla ħlas, il-proġett iKids lill-komunita'.

b) Il-Kunsill irċieva 3 applikazzjonijiet għal dan il-kors.

c) Dawn il-korsijiet ser jingħataw fil-Kunsill Lokali Swieqi.

**Rif. Nru 3077 & K593**

2.11 Saret riferenza għall-fattura bin-numru 260 mingħand it-TCTC. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-fattura intbagħtet lura peress li ma sar l-ebda *agreement* mat-TCTC, u ma hemm l-ebda deċiżjoni tal-Kunsill.

2.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Rif. Nru 3310**

2.13 Inġibdet l-attezjoni tal-Kunsill għall-Memo 13/2015 dwar proċeduri li għandhom jiġu osservati fir-rigward Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali.

**Rif. Nru 3333**

2.14 Saret riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni ma' Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.

2.15 Ġie deċiż unanimament li tingħata risposta aktar tard.

2.16 Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 4 sa 9 qabel Item 3.

2.17 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 **Tindif ġenerali:** Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li:-

a) iltaqa’ mal-Kuntratturi tal-Kunsill b’konnessjoni mat-tindif fejn saħaq li s-servizzi jitjiebu;

b) ħarġu żewġ *default notices* lill-kuntrattur tal-ġbir ta’ l-iskart domestiku. Iċ-Ċermen kompla li ħafna mill-iskart li qed ikun hawn f’ċerti toroq m’huwiex residenzjali u għalhekk saħaq li m’għandhomx jibqgħu jittellgħu rittratti fil-*facebook*. Filwaqt li qed isir kull sforz biex dan l-abbuż jinqata’.

c) Min ikollu xi lmenti mitlub jgħaddihom lill-Amministrazzjoni biex jekk ikun kompitu tal-Kunsill tittieħed l-azzjoni neċessarja.

4.02 **Serviżż adizzjonali ta’ ġbir tal-borża s-sewda nhar ta’-Tlieta u l-Ġimgħa –** il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz adizzjonali ta’ ġbir tal-borża s-sewda nhar ta’ Tlieta u l-Ġimgħa jiskadi nhar it-Tlieta 7 ta’ Lulju 2015. Dan is-servizz sewwa € 35,414.00 għal sena (inc. Ref. 3370/14).

4.03 Iċ-Ċermen kompla li l-Kunsill ingħata finazjament mill-Reġjun Ċentru u ppropona li parti minnu jintuża għas-servizz addizzjonali ta’ ġbir tal-borża s-sewda nhar ta’ Tlieta u l-Ġimgħa. Dan jiġi provdut għal **tlett** xhur oħra filwaqt li r-residenti jiġu nfurmati li wara dan il-perjodu dan is-servizz m’huwiex ser jibqa’ jingħata iżda r-residenti għandhom josservaw ir-regolamenti nazzjonali tal-ġbir ta’ l-iskart. Fejn l-skart fil-lokalita’ jinġabar it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis, u is-Sibt għall-borża s-sewda filwaqt li t-Tlieta u l-Ġimgħa tinġabar l-borża l-griża biss. Jekk ir-regolamenti ma jiġux osservati jibdew jinħarġu l-multi.

4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Pulizija u mad-Direttur tal-*Cleansing Services Directorate*, is-Sur Ramon Deguara, sabiex jiġi splorat il-possibilita’ li jsiru *cameras*

b’kollaborazzjoni mal-Pulizija biex jiġi evitat l-abbuż tar-rimi ta’ skart.

4.07 **Dog Litter Bins –** Iċ-Ċermen għamel riferenza għas-suġġerimenti mresqa mill-Kunsilliera Martin John Sultana u Albert Buttigieg biex isiru dog litter bins (10) mal-promenade, minn Triq San Ġorġ faċċata tal-Każin tal-Banda sa Triq il-Kbira fil-viċinanza tal-Baracuda Restaurant u oħrajn Triq il-Baħar l-Iswed.

4.08 Huwa kompla li minħabba li l-Kunsill m’għandux il-finanzjament, ikkomunika mad-Direttur tal-Cleansing Directorate u ġie mwiegħed li ser jitqegħdu numru ta’ bins mad-dawra tal-promenade.

4.09 **Kunsill Lokali Żgħażagħ –** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Adrian Dominic Ellul iltaqa’ ma’ l-Aġenzija Żgħażagħ fejn ġie spjegat l-irwol u kif jiġi organizzat il-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Dan irid ikun magħmul minn ħames żgħażagħ ta’ bejn l-erbatax u t-tmintax-il sena. Iż-Żgħażagħ iridu jagħmlu proġett fil-lokalita’ li jkun sostenibbli u li ma jaqbiżx it-€3,000.00.
€2,400.00 minn dan l-ammont jiġu ffinanzjati mill-Aġenzija filwaqt li s-€600.00 jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill. Dan il-proġett irid jiġi approvat mill-Kunsill qabel ma ssir it-talba lill-Aġenzija u jrid jiġi approvati wkoll mill-Aġenzija.

4.10 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul informa lill-Kunsill li diġa jaf żagħżugħ li jrid jipparteċipa fil-Kunsill Lokali Żgħażagħ u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex javviċinaw xi żagħżagħ oħra.

4.11 Il-Kunsill qabel unanimament ma’ din l-inizjattiva.

4.12 **Responsabbilitajiet:-** Iċ-Ċermen ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill aktar responsabbilitajiet u ppropona li gej:-

***Xatt is-Sajjieda* inkluż l-*Area***

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |
| Sostitut | - | Il-Vici Sindku Guido Dalli |

***Sotto Kumitat M.H.R.A.***

Rappreżentant - Il-Kunsillier Albert Buttigieg
Sostitut - Il-Kunsillier Clayton Luke Mula

**Local Enforcement System**

Rappreżentant - Is-Sindku Karl Gouder
Sostitut - Il-Vici-Sindku Guido Dalli

***Regjun Centru***

Rappreżentant - Is-Sindku Karl Gouder
Sostitut - Il-Vici Sindku Guido Dalli

**Northern Harbour District Joint Committee**

Rappreżentant - Is-Sindku Karl Gouder
Sostitut - Il-Vici Sindku Guido Dalli

**Animal Welfare**

Rappreżentant - Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli

***Sotto Kumitat għall-Kummerċ***

Rappreżentant - Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci
Sostitut - Il-Kunsillier Martin John Sultana.

**Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali – EU Contact Persons (Memo 29/2008)**

Rappreżentant - Is-Sindku Karl Gouder

**Webpage Ċentrali – (Inc. 3891/08)**

Rappreżentant - Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul.

**Kunsilliera responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita' (Memo 2/2009)**

Rappreżentant - Is-Sindku Karl Gouder

4.13 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

4.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.15 ‘***Binding’ tal-Minuti* –** B’riferenza għall-*management letter* para. 12.1-12.2, inħareġ avviż biex isiru l-*binding* tal-minuti. Dan jagħlaq fit-13 ta’ Lulju 2015.

**5. Aġġornament:- Impjieg klerikali**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess għall-impjieg klerikali kien temporanjament ‘*on hold*’ iżda issa l-ETC ġiet mitluba tibgħat *updated list* sabiex jitkompla l-proċess.

5.02 Għall-interviews ser ikun hemm is-Sindku Karl Gouder u s-Segretarju Eżekuttiv.

**6 Skart Separat**

6.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-korrispondenza inc.ref. 2444/15 u 640/15. Peress li l-kuntratt tal-Green MT skada, iż-żewġ skemi, li huma l-Green Mt u l-Green Pak, inħarġilhom komunikat biex sa l-10 ta’ Lulju 2015 jissottomettu l-offerta tagħhom.

6.02 Iċ-Ċermen għarraf lill-Kunsill li ltaqa’ mal-kuntrattur tal-Green Mt minħabba s-sitwazzjoni tal-Bring-in Sites u dwar l-ammont ta’ €19,393.71 li għandu pendenti mal-Kunsill.

6.03 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Green Mt sabiex jitħallas dan l-ammont pendenti.

**7 Tender: *Contracts Manager***

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bix-schedule ta’ l-offerti (Ara Appendiċi ‘A’).

7.02 Iċ-Ċermen għamel riferenza għall-Minuti 2/K8/15 taqs. 5 para. 5.01-5.04 u ġibed l-attenzjoni li din il-materja reġgħet tressqet għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

7.03 Iċ-Ċermen ippropona li jieħu parir jekk il-Kunsill f'dan l-istadju jistax ma jagħatix t-tender u joħroġ tender ieħor bi speċifikazzjonijiet differenti, wieħed għall-*works manager* fuq il-kuntratti tal-knis, ġbir ta' skart, tindif u manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi; tindif, manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi u ieħor għal *works manager*, li jrid ikun perit, għal tiswijiet u manutenzjoni tat-toroq, manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq, u progetti.

7.04 Il-Kunsillier Martin Sultana ssekondah.

7.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Live Streaming**

8.01 Saret riferenza għall-iStreaming tal-Laqgħat *online.*

8.02 Iċ-Ċermen ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid jibda l-proċess sabiex isir l-iStreaming tal-laqgħat *online* u jekk għad hemm skemi miftuħin, il-Kunsill japplika għalihom.

8.03 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Permessi**

9.01 **Legislatura Sussiddjarja 441.04**:- Iċ-Ċermen għamel riferenza għal-Legislatura Sussiddjarja 441.04 li tittratta dwar permessi maħruġa mill-Kunsilli u ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn direzzjoni ċara għall-Amministrazzjoni b'konnessjoni mal-ħruġ tal-permessi għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk kemm f'San Ġiljan kif ukoll f'Paceville. Dan minħabba li dan ir-regolament qed jiġi nterpretat minn min japplika skont kif jaqbillu u tali sitwazzjonijiet qed joħolqu pressjoni bla bżonn fuq l-Amministrazzjoni tal-Kunsill kif ukoll fuq il-Kumitat Amministrattiv Paceville. Iċ-Ċermen

kompla li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville kien hemm qbil unanimu li f'Paceville ma jinħarġux aktar permessi għal talbiet għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk dment li ma jkunx hemm attivitajiet organizzati mill-Kunsill u jew attivitajiet nazzjonali filwaqt li l-Kumitat talab is-sapport tal-Kunsill. Dan minħabba li:-

a) Qed isiru talbiet għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk meta min japplika jkun jaf li qed issir xi attivita' privata ġo xi stabbiliment.

b) it-talbiet li qed isiru ma jaqgħux taħt xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi fejn l-intenzjoni ta' leġislatur kienet li ħruġ ta' dawn il-permessi japplikaw għall-festi tal-lokal, attivitajiet organizzati mill-Kunsill u jew attivitajiet nazzjonali.

c) Qed jitħalla ħafna ħmieġ fil-lokalita'.

9.02 L-Avukat tal-Kunsill Dott. Stefano Filletti wasal fl-4.00p.m.

9.03 Wara diskussjoni qasira ċ-Ċermen ippropona li l-permessi għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk ġo San Ġiljan u Paceville jinħarġu **biss** għall-festi tal-lokal, attivitajiet organizzati mill-Kunsill u jew attivitajiet nazzjonali.

9.04 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 **Festi tal-Lokal:-** Saret riferenza għall-festi tal-lokal tal-Balluta u San Ġiljan u għal qbil li kien sar fejn joqogħdu l-gabbani b'konnessjoni mal-festa ta' San Ġiljan. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li dan il-qbil jiġi rivedut għalhekk ippropona li minn din is-sena min japplika jiġi nfurmat li ser jerġgħu jittellgħu l-postijiet fejn joqogħdu l-gabbani. Dan ser isir fil-preżenża tal-Pulizija, il-Kunsill u min japplika. Dawn ikunu validi għal sena u jerġa jsir il-proċess kull sena.

9.07 Ġie deċiż li l-Kunsilliera jiltaqgħu nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2015 fil-5.30p.m. sabiex jaraw jekk iridux jibdlu jew iżidu xi

kundizzjonijiet minn dawk li preżentament jingħataw mal-permessi.

9.08 Il- Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

9.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10 **Advertising Barriers:-** Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar:-

a) Ilmenti b'konnessjoni ma' l-advertising barriers li ġew installati mis-Sur Sean Fitz.

b) Aktar talbiet mingħand is-Sur Sean Fitz biex jiġu nstallati aktar advertising barriers.

c) L-Active Enterprises għandu l-ammont ta' €2445.87 pendenti għall-permessi li skadew f'Marzu u Mejju.

9.11 Iċ-Ċermen ippropona li:-

a) Ma jinħarġux aktar permessi għat-talbiet li jsiru.

b) Kull permess li hemm maħruġ jiġi rivedut mill-Kunsill ma' l-iskadenza u mhux jiġi awtomatikament mġedded.

c) Dawk li huma ta' periklu jitneħħew immedjatament.

9.12 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

9.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3. Dar tal-Anzjani**

3.01 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li din il-materja tresseqt biex jiġi spjegat il-*way foward* għal dan il-proġett. Għalhekk stieden lill-Avukat tal-Kunsill biex jaġġorna lill-Kunsill.

3.02 L-Avukat spjega l-proċess li sar u l-intervent tiegħu għan-nom tal-Kunsill. Huwa kompla li l-proċess li jmiss, wara li sar komunikat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, huwa li

ssir l-laqgħa kemm mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mar-rappreżentant tal-Ministeru tas-Saħħa flimkien. Id-data ta' din l-laqgħa s'issa hija 21 ta' Lulju 2015. (inc. Ref. 3464/15).

3.03 Il-Kunsillier John Agius u L-Avukat Dott. Stefano Filletti ġew skużati fil-4.45p.m.

**10 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

10.03 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**11. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3724/15 sa' Nru. 3750/15 (Ara Appendiċi 'C').

11.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

11.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ssekondah.

11.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**12 Aġġornament tal-laqgħa**

12.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fil-5.30 p.m.

12.02 Iċ-Ċermen għarraf lill-Kunsill li din kienet l-aħħar laqgħa tas-Segretarju Eżekuttiv qabel tirtira. Għalhekk għan-nom tal-Kunsill preżenti kif ukoll dawk li għaddew irringrazzjaha għas-servizz leali u effiċjenti tagħha tul is-snin li ilha mal-Kunsill u awguralha l-isbah xewqat għall-futur.

12.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker apprezzat li ntqal u rringrazzjat lill-Kunsill għal kull opportunita' li ta dawn l-aħħar għoxrin sena fejn kabret l-esperjenza tagħha kemm fuq livell ta' Gvern Lokali kif ukoll fuq oqsma oħra differenti. Hija awgurat lill-Kunsill ħidma sana u sodisfaċenti.

12.04 Il-laqgha ntemmet fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |